**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru.10/25**
**Data:** It-Tnejn, 22 ta' Settembru 2025
**Ħin:** 6:08pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

ŻEJTUN
Citta` Beland

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku
Enya Abela - Kunsilliera (Skużata)
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier (Mis-6:43pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)
Ivan Giardina - Kunsillier
Luke Doublet - Kunsillier (Skużat)
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**10.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**10.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**10.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**10.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**10.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**10.06** **Pjazza Santa Marija;**
**10.07** **Triq Wied il-Għajn;**
**10.08** **Żejt iż-Żejtun;**
**10.09** **Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Statements*;**
**10.10** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**10.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**10.12** **Mozzjonijiet; u**
**10.13** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**10. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tlett ittri ta' apoloġija mingħand Doublet, Caruana u Abela minħabba raġunijiet ta' mard, xogħol u safar. | Segretarju Eżekuttiv |

**10. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Attard<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 09/25 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 10. 2. 1 | 09.07.03 | Camilleri | Is-suġġett għandu jaqra Bubble Party | Camilleri |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**10. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2 5 | .09.07.01 | Attard: Sports Day | Attard qal li din saret u Sport Malta taw 50 flixkun lil parteċipanti. | Attard |
| 10. 2 6 | 09.02.08 | Camilleri: *Summer Revision Classes* | Camilleri qalet li dawn ġew fi tmiemhom u kienu suċċess. | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 2 | 7 | 09.02.09 | Attard: Zumba classes | Attard qal li dawn ser jibdew ikunu kull nhar ta' Tlieta. | Attard |
| 10. | 2 | 8 | 09.02.09 | Camilleri: *Halloween Event* | Camilleri qalet li qed jinstab post alternattiv peress li Misraħ Santa Marija qed isir ix-xogħol apparti l-preparamenti l-oħra għal din l-attivitia'. | Camilleri |
| 10. | 2 | 9 | 09.02.14 | Attard: Equality Event | Attard qal li din l-attivita' kienet suċċess u kellna kummenti sbieħ dwarha. Irringrazzja lil 4Jays kif ukoll lill-Onor. Rebecca Buttigieg għall-kontribuzzjoni tagħhom għal din l-attivita'. Irringrazzja wkoll lill-General Soft Drinks li sponsorjaw x-xorb. Irringrazzja wkoll li bħala Kunsill tajna kotba għall-librerija. | Attard |
| 10. | 2 | 10 | 09.02.16 | Camilleri: End of School Party | Camilleri qalet li kien hemm attendenza tajba ħafna b'72 parteċipant. Giardina ser ikun qed jagħti t-trofej f'attivita' oħra li ser issir bħala kompetizzjoni. | Camilleri / Giardina |
| 10. | 2 | 11 | 09.04.01 | Viċi-Sindku: Tiġieġ abbandunat | Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li dawn ma jistax jinqabdu għax permessi ma jistgħux jinġiebu għalhekk. Ser inkunu qed naraw kif dawn jistgħu jiġu kkontrollati. | Viċi-Sindku |
| 10. | 2 | 12 | 09.04.02 | Viċi-Sindku: Belishia Lights Triq il-Labour | Il-Viċi-Sindku talab li ma dawn għandhom isiru barriers għaliex qed issir ħsara kull darba. Ser issir talba lil TM u nsegwu r-rapporti mal-pulizija biex niġbru l-ispejjes. | Viċi-Sindku |
| 10. | 2 | 13 | 09.07.02 | Camilleri: Skola Sajf | Camilleri qalet li din saret u tfal ħadu gost jaraw il-proċess kif isiru l-manuċċi u kellhom iċ-ċans jagħmluhom ukoll. | Camilleri |
| 10. | 2 | 14 | 09.07.03 | Camilleri: Bubble Party | Camilleri qalet li dan kien suċċess u attendew 84 tifel u tifel u adulti. | Camilleri |
| 10. | 2 | 15 | 09.07.04 | Camilleri: Christmas Market | Camilleri qalet li bħala Kunsill ser inkellmu lill-NGO's sabiex jarmaw l-istalls tagħhom, kif ukoll lil Grupp tal-feeders tal-stray cats. Ser ikun hemm sezzjoni dedikata kollha għat-tfal. | Camilleri |
| 10. | 2 | 16 | 09.07.06 | Attard: Kummiedja | Attard faħħar il-mod professjonali li din il-kummiedja ittellgħet minn 4Jays. | Attard |

**10 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/25 B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 1 | | Sindku | Is-Sindku uriet l-apprezzament għal mod kif il-Kunsill Lokali wera solidarjeta' magħha fil-mewt t'ommha u l-preżenza waqt il-funeral. | Sindku |
| 10 | 3 | 2 | 09.02.05 | Sindku: Birzeit | Is-Sindku qalet li s'issa għad m'għandniex konferma dwar iż-żjara tagħhom f'Malta. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 3 | 09.02.07 | Aquilina: Tiżjin tal-Milied | Is-Sindku qalet li waqt laqgħa bejn il-kunsilliera kien hemm diskussjoni u qbil li l-format tat-tiżjin tal-Milied jinbidel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed ifassal sabiex jinħareġ it-tender u jinkludi fih dawn it-tibdiliet li qed jipproponu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 4 | 09.02.10 | Sindku: Fond Mill-Pjazza għall-Pjazza | Is-Sindku qalet li saret talba sabiex din tiġi nkorporata mal-attivita' li ser issir fit-12 ta' Diċembru. Qed nistennew risposta dwar dan. | Sindku |
| 10 | 3 | 5 | 09.02.17 | Sindku: Ġurnata Sqallija | Is-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. | Sindku |
| 10 | 3 | 6 | 09.02.18 | Sindku: Ġurnata Kemmuna | Is-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. | Sindku |
| 10 | 3 | 7 | 09.03.04 | Sindku: Bulky Refuse | Is-Sindku qalet li qed ikun hemm abbużż bis-servizz tal-bulky refuse. Ser naraw kif dan jista' jiġi kkontorllat. | Sindku |
| 10 | 3 | 8 | 09.03.06 | Sindku: Tiġdied tal-Karti tal-identita' | Is-Sindku qalet li l-proċess kien wieħed tajjeb ħafna u rringrazzjat lill-ħaddiema li għinu f'dan il-proċess. | Sindku |
| 10 | 3 | 9 | 09.03.07 | Sindku: Pilates by Chair u Line Dancing | Is-Sindku qalet li għandna problema bil-ġranet u ser tipprova tinstab soluzzjoni għal dan. | Sindku |
| 10 | 3 | 10 | 09.03.08 | Sindku: Knis ta' toroq u lattrini pubbliċi | Is-Sindku qalet li għadna qed nistennew risposta dwar din it-talba mingħand il-Cleansing Department. | Sindku |
| 10 | 3 | 11 | 09.03.14 | Pulizija tal-Komunita': Attivita' ta' Inkluzzjoni | Is-Sindku qalet li din l-attivita' organizzata mill-pulizija tal-komunita' kienet tajba ħafna u kien hemm pjaċir fejn komunitajiet differenti iltaqgħu flimkien. | Sindku |
| 10 | 3 | 12 | 09.04.04 | Abela: Problema tal-ġrieden | Is-Sindku qalet li l-problema għadha hemm u ser tkun qed terġa titkellem mad-Dipartiment tas-Sanita'. | Sindku |
| 10 | 3 | 13 | 09.05.04 | Sindku: Żjara fil-portugall | Aquilina qal li bħalissa qed jipprepara għaż-żjara li ser issir fil-Portugall b'inizjattiva tar-Reġjun Nofsinhar fejn ser ikun qed jaqsam power point dwar il-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żejtun kif ukoll skrizzjoni dwar il-mużew tal-knisja kif ukoll proġetti li saru mill-Skola Primarja A u B. Ser ikunu qed jippreżentaw liż-Żejtun kif ukoll lil Malta f'konferenza li ser issir dwar il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Mediterran. Din ser tkun berjn is-6 u l-10 t'Ottubru 2025. | Aquilina |
| 10 | 3 | 14 | 09.05.01 | Aquilina: Lapidi | Aquilina qal li s'issa għadna qed nistennew risposta. Kien hemm diskussjoni dwar fejn tista' teħel il-plakka. | Aquilina |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 15 | Sindku: Tiġrijiet taż-żwiemel | Is-Sindku qalet li bħala kunsill kellna talba sabiex isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel u dawn saru fl-20 ta' Settembru u kienu suċċess. Irringrazzjat lil dawk li għinu sabiex saru l-preparamenti meħtieġa u kien hemm attendenza kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sar arranġament bil-miktub mal-organizzaturi li bħala Kunsill mhux responsabbli għal dawk l-inċidenti li jistgħu jinqalghu. Is-Sindku irringrazzjat lill-Ministeru tal-Onor Alicia Bugeja Said li għin finanzjarjament kif ukoll lill-Kunsillier Giardina għal-għajnuna tiegħu f'din l-attivta'. | Sindku |
| 10 | 3 | 16 | Sindku: Inawgurazzjoni tal-Bust tas-Sur Joe Attard | Is-Sindku qalet li din l-inawgurazzjoni ser issir fil-11 t'Ottubru f'Misraħ Gregorio Bonici fis-6:30pm. Kulħadd huwa mistieden u wara ser ikun hemm riċeviment. Ġew diskussi xi xogħlijiet minuri sabiex tissebbaħ iż-żona fejn ser jitwaħħal dan il-bust. | Sindku |
| 10 | 3 | 17 | Sindku: Ibins Triq il-Fieres | Is-Sindku qalet li dawn qed ikunu ta' inkonvenjent u ser tagħmel talba lill-GrennPak sabiex dawn jitneħħew. Dwar dan kien hemm diskussjoni u qbil li dawn jitneħħew. | Sindku |
| 10 | 3 | 18 | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku qalet li x-xogħol wasal fi tmiem tiegħu u bħalissa qed nistennew l-apparat tal-bandli jasal u jitwaħħal. | Sindku |
| 10 | 3 | 19 | Sindku: Impjegat assenjat ġdid | Is-Sindku qalet li s-Sur Roderick Camilleri ser ikun assenjat mal-Kunsill sabiex ikun qed jieħu ħsieb l-indafa tal-latrini li jinsabu s-Suq, Misraħ ir-Reppublika u fi-Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Sindku |
| 10 | 3 | 20 | Sindku: Laqgħa ma' IM | Is-Sindku qalet li flimkien ma' Attard attendew IM għal laqgħa dwar ix-xogħlijiet li qed isiru. Issemma li ser isir xogħol sabiex tinqala t-triq u l-bankini fi Triq San Girgor. Kien hemm diskussjoni u qbil sabiex jinġiebu stimi għal arbli bid-dawl dekorattivi ġodda. | Sindku / Attard |
| 10 | 3 | 21 | Sindku: Van | Is-Sindku qalet li l-van elettriku ġie lura l-kunsill u ser ikun qed jibda s-servizz għall-anzjani mill-1 t'Ottubru. Irid isir appuntament minn tal-inqas tlett ijiem qabel. | Sindku |
| 10 | 3 | 22 | Petizzjoni: *Sleeping Police* | Tressqet petizzjoni sabiex issir zebra crossing fi Triq Vendom qrib in-numru 18. Ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-kunsilliera u wara ssir talba lill-TM għall-approvazzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |

**10. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 4 | 1 | Giardina: Triq il-President Anton Buttiġieġ | Giardina qal li ser jibqa' jinsisti sakemm din it-triq issir iktar sikura qabel ma jerġa' jinqala' xi aċċident ieħor. Is-Sindku qalet li qed issir pressjoni min naħa tal-kusnill u IM għandhom jagħmlu pjanti ġodda. | Sindku |
| **10.** | **5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 5 | 1 | Camilleri: *Traffic Calming measures* | Camilleri staqsiet jekk jistgħux isiru *traffic calming measures* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fil-parti li tiġi ma' Triq il-Qadi. Kien hemm diskussjoni dwar dan u ser naraw ma' TM x'jista' jsir. | |
| 10. | 5 | 2 | Camilleri: Skart maħruġ fejn il-blokka La Fayette | Camilleri qalet li qed jidħlulha diversi lmenti minħabba skart li qed jitħalla fuq il-bankina fi Vjal il-25 ta' Novmebru. Ser tintbagħat ittra lir-residenti sabiex l-iskart jibda jintefa f'Misraħ l-Indipendenza. | Camilleri |
| 10. | 5 | 3 | Aquilina: Bust ta' Fredu l-Għannej | Aquilina talab li għandha terġa' titqajjem id-diskussjoni dwar iċ-ċaqliq ta' dan il-bust. Ser tiġi diskussa fil-laqħa tal-kunsilliera. | Aquilina |
| 10. | 5 | 4 | Aquilina: Siġar | Aquilina ġibed l-attenzjoni li hemm tlett siġar fi Triq Xrobb l-Għaġin fejn il-ġibjun li dawn mietu u jridu jitneħħew minħabba l-periklu. Giardina ser ikun qed jikkordina x-xogħol. | Aquilina / Giardina |
| 10. | 5 | 5 | Aquilina: Triq Luqa Briffa | Aquilina staqsa jekk kellniex risposta dwar il-bankina li hemm pjan issir. Dwar dan għadna bla risposat u ser naraw x'jista' jsir. | Sindku |
| 10. | 5 | 6 | Attard: Railing | Attard qal li qed isiru ħafna inċidenti fuq l-Stop Sign għat-Triq l-Aħħar Ħbit tat-Torok. Se naraw x'jista' jsir. Ippropona wkoll li għandu jsir railing bħala protezzjoni għar-residenti li jkunu fejn il-Cactus Garden. Ser nikkunsidraw dan is-suġeriment. | Attard |
| 10. | 5 | 7 | Viċi-Sindku: Water Hydrants | Il-Viċi-Sindku qal li wasal iż-żmien li jsir studju sabiex fejn hu possbili jsiru water hydrants fiż-Żejtun. Aquilina qal li rridu naraw li fejn isiru ikun hemm ilma kontinwu, xi ħaġa li s-CPD iridu jaraw fejn. Talab ukoll li jsir electric charge wara l-knisja. | Viċi-Sindku |
| 10. | 5 | 8 | Viċi-Sindku: Ħajt il-Wied | Il-Viċi-Sindku qal li daħħlulu diversi lmenti dwar problema ta' drenaġġ li ilha snin. Is-Sindku qalet li ser issir talba lill-WSC sabiex issir il-parti li ma saritx u tissolva din il-problema. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 10. | 5 | 9 | Giardina: Car Wash | Giardina qal li kellu talba mis-Sinjura Stephanie Fenech sabiex issir car wash f'Misraħ is-Suq fil-11 t'Ottubru għaż-Żejtun Corinthians Minors. Dwar dan kien hemm qbil li jingħata l-permess meħtieġ. | |
| **10.** | **6.** | | **Pjazza Santa Marija;** | | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li s-Sibt kellhom laqgħa mar-residenti u dawn raw il-pjanti kif ġejja u jidher li ma kinx hemm problema, għalhekk ser jibda x-xogħol minnufih f'dan il-Misraħ. Aquilina ġibed l-attenzjoni li għalkemm ir-restawr tal-kappella huwa lest, l-arloġġ tax-xemx li hemm ma' waħda mill-faċċati mhux ser jiġi restawrat. Ser naraw dwar dan mal-perit. | Sindku / Aquilina |

**10. 7.** **Triq Wied il-Għajn;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kif jitlesta x-xogħol fi Triq il-Qadi, eżattament wara jibda x-xogħol f'din it-triq minn IM. | Sindku |

**10. 8.** **Żejt iż-Żejtun;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li għaddejjien il-preparamenti għall-attivita' u qed isiru diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Agrikoltura, Is-Sajd u Drittijiet tal-Annimali sabiex il-wirijiet tal-bhejjem isiru fi Ġnien l-Għannejja Żwieten bħas-sena l-oħra pero' isir ftehim dwar il-ħlas minn naħa tal-Ministeru.<br>Fi Ġnien il-Kmandant ser ikollna għall-ewwel darba Grupp tal-Epoka 1802 sabiex jagħmlu ikel tradizzjonali tal-antik kif ukoll diskussjoni dwar l-istess epoka.<br>Aquilina ġibed l-attenzjoni li r-rikonoxximenti lir-raħħala għandhom isiru dakinhar. | Sindku |

**10. 9.** **Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Statements;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 9. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-quarterly financial statements bejn Jannar u Ġunju 2025 għall-approvazzjoni. Wara li ta rendikont u spjega l-figuri li ħallew surplus, kien hemm qbil unanimu li dawn jiġu approvati. | |

**10. 10.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 10. 1 | | Aquilina: Karnival | Aquilina qal li diġa' qed jaħdem fuq l-attivita' tal-Karnival għas-sena d-dieħla. | Aquilina |

**10. 11.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 11. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10. 11. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10. 11. 3 | | *Petty Cash* - Awwissu 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Awwissu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €157.15 | Segretarju Eżekuttiv |

**10 12 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 12 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |

**10 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:50pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Ottubru 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

IFFIRMATA

Joan Agius

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv